**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBÀ LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 59**

8 ta' Frar 2019

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Floriana, fil-5.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |

SKUŻAT:- 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier — Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku DSH ppresediet il-laqgħa.

**59.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

59.1.1 Ma kienex hemm ittri t' apoloġija.

**59.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

59.2.1 Tressqu l-minuti tal-laqgħa miżmuma fid-9 ta' Jannar 2019 (57 -7L) li kienu ġew iċċirkolati minn qabel.

**Nota: 5.05pm Il-Kunsillier AGS talab li jkun skużat.**

59.2.1.1 Il-Kunsillier AD ppropona l-approvazzjoni tal-minuti issekondat mill- Viċi Sindku VB.

59.2.1.2 Ittieħed vot bir-riżultat ikun: Favur : 3 (DSH, VB, AD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

**Nota 5:07pm Il-Kunsillier AGS irritorna għal-laqgħa.**

59.2.2 Tressqu l-minuti tal-Laqgħa Straordinarja miżmuma fil-30 ta' Jannar 2019 (58 – 7L) li kienu ġew iċċirkolati minn qabel.

59.2.2.1 Il-Kunsillier AD ppropona l-approvazzjoni tal-minuti issekondat mill- Viċi Sindku VB.

59.2.2.2 Ittieħed vot bir-riżultat ikun: Favur : 4(DSH, VB, AD, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

59.2.3 Is-Sindku DSH irrimarkat li allavolja kien maqbul ma' Transport Malta (TM) li kellu jsir post wieħed biss ta' parkeġġ riservat għal cash van tal-Corinthia, fil-fatt saru tnejn.
Għalhekk talbet li TM jiġu mgħarrfa biex ineħħu wieħed minnhom.

**Nota 5:10pm Il-Kunsillier JAE daħal għal-laqgħa.**

59.2.4 Is-Sindku DSH infurmat lill-membri preżenti li l-offerent li daħal għall-konċessjoni tal-gabbana tal-Ġnien Re George V, kien ħallas l-ammont dovut.

**59.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

59.3.1 **Kampanja *Qalb Ħanina, Qalb Furjaniża***

59.3.1.1 Is-Sindku DSH tat rendikont tal-ġbir li sar għal dan il-għan.

| | |
|---|---|
| Floriana Supporters Club | €100 |
| Donazzjoni anonima | € 30 |
| Carol Singing fil-Knisja Arċipretali - imtella minn Dance Project | €305 |
| Carol Singing f' żewġ lukandi fil-Floriana u mill-Waterfront, imtella minn Dance Project | €187.50 u $10 |
| Floriana Senior Citizens | €100 |
| Total | €722.50 u $10 |

59.3.1.2 Intant ġiet avviċinata minn familja oħra li għaddiet u li għada għaddeja minn għawġ simili ta' Kane u li ħassewhom inġurjati li qatt ma ngħataw għajnuna simili mill-Kunsill.

59.3.1.3 Wara diskussjoni, l-membri preżenti nnutaw li seta' hemm jew li jista għad ikun hemm sitwazzjoniijiet simili f' familji Furjaniżi.

59.3.1.4 Għalhekk, unanimamnent qabblu li għal din id-darba biss l-ammont miġbur għandu jinqasam fi tlett ismha ndaqs u li minn issa l-quddiem lil-ġabra minn din l-inizzjattiva tingħata sħiħa lill-Community Chest Fund Foundation in vista li din il-fondazzjoni tagħmel tajjeb għal talbiet simili u li kif fil-fatt dawn iż-żewġ familji bbenefikaw u għadhom jibbenifikaw minnha.

59.3.1.5 Il-preżentazzjoni ta' din il-ġabra ser issir f' Jum il-Floriana, fis-26 t'April 2019, fejn jiġi mistieden il-President il-ġdid.

59.3.2 **Bye Law dwar il-Fosos**

59.3.2.1 Is-Sindku DSH rreferiet għall-abbozz tal-Bye Law dwar Attivitajiet fil-Floriana partilkolarment dwar il-Fosos li ġiet diskussa fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill u li wara ntbgħatet kopja lill-membri.

59.3.2.2 Il-membri preżenti qabblu li għanda ssir laqgħa mal-Avukat tal-Kunsill biex din tiġi riveduta kif meħtieġ u wara dan il-proċess, tintalab laqgħa mal-Onorevoli Ministru Dr Owen Bonnici.

59.3.3 **Bus Shelters**

59.3.3.1 Is-Sindku DSH semmiet il-laqgħa li saret ma' FACES, il-kumpanija li tisponserja l-bus shelters, u li għaliha attendew hi, il-Viċi Sindku VB, il-Kunsillier AD u s-SE.
Dakinhar FACES proponew diversi siti fejn jistgħu jiġu stallati a spejjeż tagħhom, bus shelters ġodda addatti għal diversi bankini u għat-temp ta' Malta, u li ddikjaraw li kienu ser ikun huma stess li jippreparaw u jissottemettu kull applikazzjoni relattiva.

59.3.3.2 Il-membri preżenti qabblu unanimament li mill-lista proposta, għandhom jiġu stallati bus shelters ġodda tal-Bombi, fi Pjazza Robert Samut (a benefiċċju partikolari ta' dawk li jiffrekwentaw iċ-Ċentru tas-Saħħa li jinsab fil-qrib), u ieħor fi Triq Vilhena (Boffa).

59.3.4 **Karnival - Talba minn Kumpanija taż-żfin**

59.3.4.1 Saret talba verbali sabiex kumpanija taż-żfin tuża kamra fil-Kunsill sabiex il-parteċipanti jkunu jistgħu jbidlu l-kostumi hemm.
Il-membri preżenti qabblu u aċċedew għal din it-talba

59.3.4.2 Il-Kunsillier AGS ressaq ilment li għandu jiġi a konjizjoni tal-organżżaturi, dwar kant minn fuq karrijiet, ta' innijiet tal-lokalita' oħra hekk kif jaslu l-Floriana, li jipprovokaw u jinsulentaw lill-Furjaniżi. Is-Sindku DSH infurmatu li dan l-iment kien ġia tressaq lill-Festivals Malta f' laqgħa li saret fil-1 ta' Novembru 2018 u li għaliha kienu attendew hi u s-Sur Godwin Azzopardi.

59.3.5 **Thrivers Malta**
Is-Sindku DSH qrat korrispondenza mingħand Zen D' Amato Gautam għal Thrivers Malta, in segwitu tad-deċiżjoni li kien ħa l-Kunsill fil-laqgħa preċedenti, fejn qalet lill-Kunsill li ser terġa' tressaq it-talba tagħha wara li jkun stabbilit il-Kunsill il-ġdid.

59.3.6 **Proposta t' ingaġġ ta' ħaddiem mill-Communit Workers Scheme**

Il-Kunsill beda jikkonsidra din il-proposta.

Ġie deċiż li l-Kunsill l-ewwel għandu jikkonsulta mal-accountant tal-Kunsill u hekk kif ikun hemm id-dettalji disponibbli għanda tissejjaħ laqgħa biex tittieħed deċiżjoni u ssir proposta.

59.3.7 **Talba għal tiġdid ta' telework**

Il-Kunsill saritlu talba minn impjegat tal-Kunsill biex jiġi mġedded il-kuntratt tal-telework.

Filwaqt li l-membri preżenti kkunsidraw li dan l-impjegat bħalissa qiegħed fuq leave partikolari, talbu li qabel xejn ikunu mgħarrfa meta ser jiskadi l-kuntratt tal-telework attwali u li tingħata d-data indikattiva meta dan il-ħaddiem ser jirritorna għax-xogħol.

59.3.8 **Towing ta' karozzi fejn ikun tħallsu permessi għal-parking bays u markati bħala Tow Zone**

59.3.8.1 Saret riferenza għall-korrispondenza mibgħuta mill-Għassa tal-Belt Valletta fil-21 ta' Jannar 2019 f' dan ir-rigward u s-sitwazzjoni li qed tinħoloq meta karozzi xorta jipparkjaw f' dawn iż-żoni.

59.3.8.2 Il-Kunsill qed jitlob direzzjoni mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali f' dan ir-rigward, in vista tal-ftehim li ntlaħaq fil-31 ta' Lulju 2018 bejn il-Pulizija, is-Segretarju Permanenti (MĠKGL), is-Segretarjat (Gvern Lokali u Komunitajiet), l-Awtorita' tat-Trasport u l-President (AKL) u dan peress li l-Kunsill qed persistentement jiffaċja pubbliku urtat li jkun ħallas tali permessi u segwa l-istruzjonjiet kollha u xorta ma jkunx jista jaħdem peress li karozzi xorta jibqgħu ipparkjati f' dawn it-Tow Zones.

<u>**Nota 5.53pm Is-Sindku DSH talbet li tkun skużata filwaqt li mexxa l-laqgħa l-Viċi Sindku VB**</u>

59.3.9 **Rikjesti mill-Fergħa Armar ta' Barra Voluntiera Parroċċa San Publiju**

Inqrat korrispondenza mibgħuta fis-7 ta' Frar 2019 mis-Sur Mark Ciantar għal-għaqda msemmija hawn fuq, partikolarment dwar :-

Li jsiru bollards li jkunu jistgħu jinqalgħu minn fejn se tibda tgħaddi l-purċissjoni ta' San Publju;
Li jerġgħu isiru t-toqob tal-arbli li tgħattew bit-tarmac fit-toroq ta' madwar il-Knisja Arċipretali;
Li jsir żbir tas-sigar fi Triq il-Mall u Triq V Dimech sabiex ikunu jistgħu jintramaw antarjoli;
Talba biex jingħataw permessi biex jingħalqu xi toroq GODWIN TM
Manutenzjoni ta' ventijiet permezz ta' highup għas-Sibt, 9 ta' Frar 2019.

<u>**Nota 5.55pm Is-Sindku DSH irritornat għal-laqgħa**</u>

Il-Kunsill ma sabx oġġezjoni għal dawn ir-rikjesti ħlief għall-aħħar talba peress li ma fadalx żmien s' għada.

59.3.10 **Facebook tal-Kunsill**

Is-Sindku DSH rreferiet għad-Direttiva 4/2016 partikolarment għall-Artiklu 5(Administrator) u 8 (Kodiċi ta' Etika) u li għalhekk mill-bidu ta' Marzu 2019 għandhom jitbidlu rwol appositament.

59.3.11 **Dog Park fil-Floriana**

Is-Sindu DSH tkellmet dwar il-laqgħa li kellha mad-Direttur tal-Animal Welfare sabiex jitkomplew il-proċeduri li kienu nbdew sa mill-2017 biex jitwettaq Dog Park fil-Floriana.

Id-Direttur faħħar l-inizjattivi tal-Kunsill li hu qal hu minn ta' quddiem f' dawn il-ġżejjer favur id-drittijiet u l-ħarsien tal-annimali, b' mod li ma jdejqux lir-residenti.

Tgħarfilha li se joħorġu skemi għall-Kunsilli f' dan ir-rigward li jistgħu jinkludu kumpens għal-għalf tagħhom.

59.3.12 **Riġenerazzjoni tal-Mall**

Is-Sindu DSH infurmat lill-membri preżenti li dakinhar stess filgħodu ltaqgħat mal-Grand Harbour Regeneration Committee (GHRC) li infurmawha li ser issir riġenerazzjoni tal-Mall minnhom.

59.3.13 **Punti mqajjma waqt laqgħa miżmuma f' Sant' Anġlu**

59.3.13.1 Waqt din il-laqgħa, li għaliha kienu mistiedna l-Kunsilli u entijajiet li jolqtu l-andament tal-Kunsilli, il-Viċi Sindku VB lmenta li f' ċertu stanzi fejn ikunu ntalbu servizz u tħallsu fafvur LESA, waqt li l-Uffiċċjali tal-Komunità ma jiġux u biex tkompli, minfuq li ma ġewx, il-Kunsill qed jiffaċċa nies irrabjati peress li jgħaddu ġimgħat biex wieħed jingħata flusu lura.

59.3.13.2 Is-SE innotat li ma kienx hemm rappreżentant tal-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-Data u l-AKL, filwaqt li rreferiet għall-kors bażiku fuq il-Potezzoni tad-Data li sar privatament s' issa u dwar ieħor

mill-istess kumpanija li kien għadu ser isir. Issuġeriet bħal ma' sar f' oqsma oħra, l-AKL għandha torganizza dawn it-tip ta' korsijiet bi prezz issusidjat a benefiċċju tal-Kunsilli Lokali.

59.3.13.3 Id-Direttur Ġenerali (GL) innota l-punti li resqet u wiegħed li ser jikkomunika mal-entijajiet imsemmija minnha.

**59.4 Rapporti**

Ma kien hemm rapporti.

**59.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

59.5.1 **Karnival 2019**

Il-Kunsillier JAE staqsa dwar l-andament tal-preparamenti tal-Karnival.

Ġie nfurmat li l-permessi kienu ġia preparati u li l-Kunsill kien qed jistenna l-approvazzjoni tal-Pulizija. Ġie nfurmat li waqt il-laqgħa li saret ma' Festivals Malta, kien ġie deċiż li ż-żfin kien ser isir is-Sibt fil-Floriana.

Ġie deċiż ukoll li t-Tlieta, Triq Sant Anna ser tinżamm magħluqa għat-traffiku ħlief għall-karrijiet filwaqt li kienu ser jinħarġu permessi għal bars tal-Floriana biss għal din il-ġurnata.

59.5.2 **Bazaar b'risq il-missjoni**

Il-Kunsillier JAE talab l-għajnuna tal-Kunsill sabiex jiġi provdut skip lill-voluntiera fi ħdan il-Kapuċċini tal-Floriana u rrefera għal-email mibgħuta lis-SE.

Filwaqt li s-SE infurmatu li sa dakinhar kienet għada ma rċivitiex, infurmatu li skont il-liġi, kull skart irid ikun magħżul/separat f'kontenituri apposta pero kienet ser tikkomunika ma' dan il-grupp biex tara kif tista' tgħinhom f' dan ir-rigward.

59.5.3 **Justin Haber**

Il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Justin Haber qed jitlob lill-Kunsill biex juża l-pitch tal-futbol fil-Ġnien Re George V, nhar ta' Sibt filgħodu.

Il-membri preżenti unanimament qabblu li kienu ser jikkunsidraw din it-talba biss kemm-il-darba is-Sur Haber jonora l-ħlas pendenti dovut minnu lill-Kunsill għad-dawl li kien uża preċedentement u dan wara diversi xhur ta' tentattivi mill-Kunsill u wegħdi minn naħa tiegħu li ser jonora dan il-ħlas.

**59.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

Ma kienx hemm rapporti.

**59.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

59.7 **Approvazzjoni - Skeda ta' Pagamenti**

59.7.1 Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 47/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel il-laqgħa.

59.7.1.1 Il--Kunsillier JAE astjena mill-ħlas b' riferenza ta' 69553.

59.7.1.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u ssekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ndikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur *nem con*.

59.7.2 **Approvazzjoni - Skeda ta' Petty Cash**

59.7.2 Is-Sindku DSH ippreżentat l-aħħar skeda ta' petty cash datata 8 ta' Frar 2019.

59.7.2.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u ssekondata mill-Kunsillier JAE, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-infieq mill-Petty Cash, bir-riżultat ikun favur *nem con*.

**59.8 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm mozzjonijiet.

.

**59.9 Offerti pubbliċi**

59.9.1 **Publikazzjoni dwar ħidmet il-Kunsill**

Il-Kunsill irċieva 3 kwotazjonijiet u filwaqt li ġie nfurmat minn kumpanija oħra li ma tagħmilx dan ix-xogħol.

Wara li dawn ġew kunsidrati kollha, il-membri preżenti qabblu li għandhom imorru għall-orħos offerta, dik ta' Lombardi bil-prezz ta' €1039 u 5% VAT għal publikazzjoni ta' 1100 kopja b' 36 paġna.

**Nota 6.25pm Is-Sindku DSH talbet li tkun skużata filwaqt li mexxa l-laqgħa l-Viċi Sindku VB**
**Nota 6.25pm Il-Kunsillier JAE talab li jkun skużat**

59.9.2 Il-Viċi Sindku VB informa lill-membri preżenti li l-bord tal-aġudikazzjoni kien qed jaħdem fuq it-tender tal-playground and open air gym equipment u fuq it-tender tas-civil works.

59.9.3 Il-Viċi Sindku VB informa lill-membri wkoll li intant il-Kunsill kien ippublika t-tender tax-xogħol tal-eletriku għal-proġett tal-Ġnien Re George V

**Nota 6.31pm iIl-Kunsillier JAE irritorna għal-laqgħa**

59.9.4 Is-SE infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill kien qed jistenna risposta dwar ġbir ta' skart riċiklat mingħand żewġ operaturi ewlenin in segwitu taċ-Ċirkulari 3/2019 maħruġa mid-Direttur responsabbli għall-Gvern Lokali fl-1 ta' Frar 2019.

**Nota 6.31pm Is-Sindku DSH irritornat għal-laqgħa**

**59.10 KORRISPONDENZA**

59.10.1 Inqrat korrispondenza minn Transport Malta (TM) Referenza 5983 fejn ġiet milqugħa t-talba biex isir reserved parking space quddiem 111, Triq il-Miratur, Floriana fejn joqgħod l-applikant (Borg).

59.10.2 Inqrat Korrispondenza minn TM Referenza LC 018 fejn il-Kunsill ġie mitlub ineħħi reserved parking space minn quddiem 47 Triq il-Kapuċċini, Floriana peress li l-applikanta (Dimech) li kienet toqgħod fi Flat 1/47, mietet.

59.10.3 Inqrat Korrispondenza minn Transport Malta (TM) Referenza 5977 fejn ġiet milqugħa t-talba biex isir reserved parking space quddiem 56 Triq il-Kapuċċini , Floriana għall-applikant (Bonnici) li joqgħod Flat 23/56.

59.10.4 Inqrat Korrispondenza minn Transport Malta (TM) datata 24 ta' Jannar 2019 fejn ġie konfermat li r-residenta (Aquilina) ta' Flat 8/13 Triq Vilhena għada eliġibbli għal reserved parking space li hemm quddiem 13 Triq Vilhena, Floriana.

59.10.5 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Malta Council for Voluntary Sector fejn il-Kunsill qed intalab li jikkolabora ma' din għaqda billi jaqsam informazjoni b' kull mezz possibbli mar-residenti u l-għaqdiet lokali.
Il-Kunsill qabel li jikkolabora f' din l-inizjattiva.

59.10.6 Il-Kunsill rċieva talba għal kollaborazzjoni mis-Segretarju tal-Knisja Arċipretali (Is-Sur Freddie Tonna) sabiex tiġi pubblikata edizzjoni speċjali biex tiġi komemorata l-okkażżjoni tal-anniversarju ta' tlett reliġjużi Furjaniżi.
Il-membri unanimament qabblu li peress li ser tkun waslet biex tiġi pubblikata l-edizzoni tal-festa, din id-darba ma jistax ikun kollaboratur kif mitlub mis-Sur Tonna.

59.10.7 Elite Events infurmaw lill-Kunsill li sal-lum l-Awtorita' tal-Ippjanar (AP) għada ma tgħatiex il-permess meħtieġ biex tarma street furniture; għalhekk talbu lill-Kunsill jikkunsidra li l-permessi li kienu ġia ħallsu jibdew jgħoddu minn meta jkollhom il-permessi maħruġa mill-AP.
Il-Kunsill approva din ir-rikjesta billi jkun infurmat meta jinħarġu l-imsemmija permessi.

**59.11 Justin Attard**

59.11.1 Ftit ġimgħat ilu, kienet saret proposta mis-Sur Justin Attard sabiex iħallas parti mis-somma dovuta minnu (in final settlement) lill-Kunsill, għalhekk il-Kunsill kien ħa parir legali, parir mill-Awditur Ġenerali u mid-Direttur (GL).

59.11.2

Illum il-Kunsill ikkonkluda li jħalli in vigore l-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv 546/2017 u jinsisti li s-Sur Attard iħallas lill-Kunsill is-somma kollha dovuta minnu.
Għandha ssir kommunikazzjoni mas-Sur Attard f' dan is-sens permezz tal-avukat tal-Kunsill.

**59.12 Protezzjoni tad-Data**

In segwitu taċ-Ċirkolari AKL 2019/010, kif ukoll Ċirkolari DG/K/02/2019 maħruġa mid-Direttur Ġenerali (GL), l-għada tal-laqgħa f' Sant' Anġlu, il-Kunsill qiegħed formalment jikkonferma li d–Data Protection Officer tal-Kunsill hu s-Sur Godwin Azzopardi filwaqt li d-Data Controller hi s-SE. Il-Kummissarju tal-Protezzoni tad-Data huwa ġia avżat b' dan u kkonferma n-nomina.

**59.13 Karreġjata għaċ-ċiklisti u electric charging points**

5.13.1 **Karreġjata għaċ-ċiklisti**

Wara konsultazzjoni minn TM li attendiet għaliha s-SE dwar karreġjata għaċ-ċiklisti minn San Ġiljan sal-Belt Valletta li ser tgħaddi mill-Floriana, saret ukoll laqgħa mal-Kunsill Lokali tal-Floriana, li għaliha kienu preżenti is-Sindku DSH u s-SE.
Ġew ikkunsidrati r-rotot l-inqas traffikużi għas-sigurta' u s-saħħa taċ-ċiklisti u tan-nies fit-toroq, u ġie maqbul li r-rotta idejali fil-Floriana hi dik li tgħaddi minn Triq San Franġisk, Triq il-Kapuċċini u Triq Sir Luigi Preziosi, bil-kundizjoni li ma jintilfux spazzji ta' parkeġġ li jeżistu llum.
Ser jiġu stallati CCTVs u jkunu nfurzati speed limits tul din ir-rotta.

59.13.2 **Electric charging points**

Saret konsultazzjoni mal-Kunsill minn TM dwar fejn ser jiġu stallati charging points fil-Floriana.

<u>**Nota 6.50pm Il-V/Sindu VB talab li jkun skużat**</u>

Ġie deżiż li jkun hemm waħda f' Harper Lane, oħra fil-parking lot ta' quddiem il-Lukanda Grand Excelsior; oħra ħdejn il-Public Contracts Revue Board, oħra fil-parking lot biswit Port de Bombes u oħra f' Park and Ride.

<u>**Nota 6.55pm il- Il-V/Sindu VB irritorna għal-laqgħa**</u>

**59.14 St Patrick's Day**

Is-Sindku DSH infurmat lill-membri preżenti li għal din il-festa ser ikun hemm Alex Grech bejn is-1.00pm u l-4.00pm filwaqt mill-4.0pm sas-6.00pm ser ikantaw Kevin Borg u Zone 5

<u>**Nota 6.56pm Il-Kunsilier AD talab li jkun skużat**</u>

Il-budget tal-Kunsill li qed jikkolabora f' din l-okkażjoni hu ta' €3,000 li jinkludi l-kantanti msemmija. Il-posters qed jsiru għand Logographics.

<u>**Nota 6.58pm il-Kunsillier AD irritorna għal-laqgħa**</u>

**59.15 Il-Festival Nazzjonali tal-Logħob tal-Nar tal-Art Mekkaniżżat**

Il-membri preżenti ġew infurmati li l-applikazjonijiet ħarġu wara avviż fil-Gazzetta tal-Gvern publikat fl-1 ta' Frar 2019. Il-budget tal-Kunsill hu ta' €15,000 eskluż l-għeluq (it-tapit). Il- Kamra tan-nar li rebħet l-edizzjoni tas-sena l-oħra għanda tintalab tagħmilx tapit b' budget ta' €2,000, liema tapit irid ikun xogħol maħdum kollu lokalment b' mod artiġjanali.
Lkoll qabblu fuq l-importanza li waqt kull ħin jiġi osservat skruplożament is-saħħa u s-sigurta ta' kullħadd u kollox.

**59.16 Il-Proġett tal-Ġnien Re George V**

Aktar il-fuq (59.9) hemm indikat l-andament/progress ta' dan il-proġett.

**59.17 Jum il-Floriana**

Din is-sena Jum il-Floriana ser jinżamm fis-26 t' April 2019 fir-Robert Samut Hall.
Il-membri intalbu jippreparaw in-nomini tagħhom waqt li l-posters komemorattivi ta' dawk nominati ser jiddendlu fi Triq il-Miratur.

**59.18** **International Family Day**

Il-Kunsill ġie mitlub mis-Sinjura Anna Gallo biex jippromwovi dan il-jum.

Il-Kunsill iddeċieda li tinżamm fit-12 ta' Mejju 2019. Dakinhar, Triq Sant Anna, bl-assistenza ta' Pulizija u aġenti tas-sigurta', din it-triq tinbidel fi track tal-ġiri fejn ser isiru tiġrijiet bejn il-ġenituri u wliedhom.

Fl-istess waqt fil-Ġnien Re George V, ser jiġi promwov il-ħin ta' kwalita' li familji għandhom ikollhom flimkien.

Ser jiġu promwovi wkoll restaurants u postiiet ta' rikrejazzjoni u kultura li jilqgħu it-tfal.

**59.19** **Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fis-19:30 u ġiet aġġornata għal-Ħamis, 14 ta' Marzu 2019 fil-5.00 ta' filgħaxija.

**Konfermati, llum 14 ta' Marzu 2019**

*firmati*
Davina Sammut Hili
Sindku

*firmati*
M'Lourdes Lautier
Segretarju Eżekuttiv